**31 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Scerri

*versus*

Spiru Falzon

## Inġurja — "Animus Injuriandi".

*Hu veru, "in teoria", li f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi, jekk, b'riferenza għal bniedem li jokkupa kariga għolja, tiġi profferita xi kelma li tattribwilu xi mestjer ieħor, jista' jkun hemm inġurja; dipendentement, s'intendi, mix-xorta ta' mestjer li jissemma, u mill-kontest li fih jissemma, u mill-"animus" li bih tingħad dik il-kelma; imma, avvolja l-kwerelat ma jkunx qal il-kliem oġġezzjonat biex jagħmel kumpliment lill-kwerelant, jeħtieġ, biex ikun hemm l-inġurja, li fil-kelma jew kliem profferiti jkun hemm xi addebitu li jesponi lil min hu kolpit biha għad-disprezz, jew għar-ridikolu, jew għall-mibgħeda ta' ħadd ieħor, u ma hux biżżejjed dak li jissejjaħ "harmless abuse". Kelma spjaċevoli, li però ma tistax tmiss b'xi mod ir-riputazzjoni jew rispettabbilità tal-persuna li għaliha tkun diretta, jew li tagħtiha malafama jew tirridikolaha, ma tikkostitwix inġurja.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela u l-imputazzjoni fuqha bażata quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-kwerelat, il-Belt Valletta, fit-18 ta' Ġunju 1958, inġurja lill-kwerelant fil-kuritur tal-Qrati Superjuri;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Diċembru 1958, li biha sabet lill-kwerelat ħati skond il-kwerela u kkundannatu għall-ammenda ta' 10s., u ddikjarat li s-somma ta' £20 għaddiet a favur tal-Kuruna, u mponietlu garanzija ġdida fl-ammont ta' £30 biex ma jimmolestax lill-kwerelanti għal żmien sitt xhur. L-ispejjeż kontra l-kwerelat, barra dawk tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 1958, li jibqgħu għall-kwerelant;

Rat ir-rikors tal-kwerelat Falżon, li bih appella mid-

deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi meħlus mill-imputazzjoni u piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Hu paċifiku bejn kwerelant u kwerelat li l-kwistjoni kollha hi jekk il-kliem "Mela laħaq messaġġier?" fil-kontest li *ntqala* hux *ngurjuż*;

*Hu* wkoll indubitat li l-kelma "messaġġier" per sè, sija jekk wieħed jifhem biha dak li jkollu *mpjeg* simili f'dipartiment jew officina, sija jekk wieħed jifhem bias persuna li avventizjament tieħu messaġġ minn persuna għall-oħra, ma hix affattu ngurjuża. Biex tkun tali jeħtieġ li jkun hemm xi ċirkustanzi speċjali li jagħtuha, in vija ta' "innuendo" jew xort'oħra, dak is-sens ingurjuż li per sè ma għandhiex;

*Il-fatti* kienu, brevement, dawn. Kienu fil-kuritur ta' daw*n* il-Qrati l-kwerelant, *il-Professur Dr. Victor Caruana* konsulent tiegħu, il-kwerelat, u l-Avukat Dr. Tommaso Fenech u l-Professur Xuereb, konsulenti tal-kwerelat. Kien hemm anki l-Perit Carmelo Fenech. Il-Professur Caruana kien qiegħed jirreklama, għan-nom tal-kwerelant, xi ħlas minn għand il-kwerelat, li kien qiegħed jgħid li hu ma kellu jagħti xejn lill-kwerelant. Milli jidher, hemm xi subkonċessjonijiet enfitewtiċi, u l-ħlas li għandu jagħmel il-kwerelat lill-padrun dirett (stante awment fis-subċens) ma għandux isir direttament lill-padrun dirett, imma "tramite" l-kwerelant. Għalhekk il-kwerelat kien qed jgħid li ma għandu jagħti xejn lill-kwerelant, peress li, għall-idea tiegħu, iċ-ċens, jew subċens, hu dovut direttament lill-padrun dirett. Dottor Fenech allura spjegalu li hu kellu jħallas per mezz tal-kwerelant, u fuq hekk il-kwerelat qal il-kliem "Mela laħaq messaġġier?";

Il-kwerelant ħassu offiż, kif qal hu, għax mentri hu neguzjant, ġie msejjaħ messaġġier;

Hu veru in teorija li f'ċerti ċirkustanzi speċjali, jekk, b'riferenza għal bniedem li jokkupa kariga għolja, tiġi profferita xi kelma li tattribwilu xi mestjer ieħor, jista' jkun hemm inġurja; dipendentement, s'intendi, mix-xorta ta' mestjer li jissemma, u mill-kontest li fih jissemma, u mill-"animus" li bih tingħad dik il-kelma;

Iżda, fil-każ preżenti, hu ovvju li l-kwerelat ma riedx affattu jagħmel xi paragun bejn l-istat ta' neguzjant u l-istat ta' messaġġier, apparti l-kwistjoni jekk, kieku stess ried jagħmlu, b'daqshekk kienx ikun hemm inġurja, stante l-fatt li ma hemm xejn degradanti fl-impjieg ta' messaġġier, li, onestament diżimpenjat, jirridonda ta' unur daqs kull impjeg ieħor. Però, kif ingħad, il-kwerelat lanqas ried jagħmel paragun simili, imma ried ifisser ruħu, wara l-ispjegazzjoni tal-avukat tiegħu, li allura, b'dak il-mod, il-kwerelant ikun qiegħed jagħmilha ta' messaġġier bejn persuna waħda u l-padrun dirett;

Issa, il-Qorti ma għandha ebda dubju li b'dawn il-kliem il-kwerelat ma riedx jagħmel kumpliment lill-kwerelant, anki jekk wieħed ma jsegwix lill-kwerelant filli qal li, meta l-kwerelat qal dawk il-kliem, hu daħaq sardonikament u ddiriġa ruħu lejh; biex ikun hemm inġurja, jeħtieġ li jkun hemm fil-kelma jew kliem profferiti xi addebitu li jesponi lil min hu kolpit biha għad-disprezz, jew għar-ridikolu, jew għall-mibgħeda ta' ħadd ieħor, u ma hux biżżejjed dak li jissejjaħ "harmless abuse". F'dan il-każ, il-kwerelat uża kelma spjaċevoli, imma mhux kelma li tista' tmiss b'xi mod ir-riputazzjoni jew rispettabbilità tal-kwerelant, jew tagħtieh mala fama jew tirridikolah;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-kwerelat mhux ħati, u tilliberah mill-imputazzjoni. Stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru, però, fiż-żewġ istanzi a kariku tal-kwerelant. Onorarju tad-difensuri "uti infra":—

Seduta 24.1.'59......12s.;

Seduta 31.1.'59......10s.